**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 28 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1308/00 AE**

**Mirage Holdings Ltd**

**vs**

**Gertrude Casha**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal-hlas tal-konvenuta ghas-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltija (Lm87) in kwantu ghal Lm79 import ta' erbgha kambjali, Lm 3 imghax u Lm5 spejjez ta' ittri interpellatorji.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum il-konvenuta ghadha ma hallset xejn mill-ammont mitlub.

Ra wkoll id-dokumenti ezebiti mis-socjeta attrici fis-seduta tal-lum.

Ra li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma pprezentatx risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi u lanqas ma dehret fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2001 u dik tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunjiet fuq premessi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha u sebghin (Lm79) import ta’ erbgha kambjali, bl-imghax mid-data ta’ kull skadenza tal-erbgha kambjali.

Bl-ispejjez skond dak li jipprovdi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380, kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**